

Lussemburgu, 25 ta' Ġunju 2024
(OR. en)

11508/24
COR 1

AELE 70
EEE 36
N 65
ISL 44
FL 47
AND 12
MC 6
SM 12
FEROE 1
MI 638

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: ST 11508/24 INIT	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar suq intern imkabbar omoġenju u r-relazzjonijiet tal-UE ma' pajjiżi tal-Ewropa tal-Punent li mhumiex fl-UE u mal-Gżejjer Faeroe

Fil-paġni 20 u 21 tad-dokument ST 11508/24 INIT, in-numerazzjoni tal-paragrafi għandha taqra:

IL-GŻEJJER FAEROE

61. Il-Kunsill iqis li l-pożizzjoni strateġika tal-Gżejjer Faeroe fl-Atlantiku tat-Tramuntana tagħmel il-Gżejjer Faeroe sieħeb importanti tal-UE fir-rigward ta' diversi politiki tal-UE, inkluż il-Politika tal-UE dwar l-Artiku. Il-Kunsill japprezza l-kooperazzjoni eżistenti mal-Gżejjer Faeroe foqasma bħall-kummerċ, l-akkwakultura, ir-riċerka, l-innovazzjoni u l-kwistjonijiet tal-Artiku u tal-Atlantiku tat-Tramuntana fi ħdan l-oqsma ta' kompetenzi tal-Partijiet.

- 62.** Il-Kunsill jilqa' l-iffirmar tal-Memorandum ta' Qbil dwar kooperazzjoni msaħħa bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Gżejjer Faeroe fl-14 ta' Marzu 2024. Huwa jinnota l-prijoritajiet ewlenin elenkati f'dan il-Memorandum ta' Qbil, b'mod partikolari l-enfasi fuq it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, it-tibdil fil-klima u l-kooperazzjoni xjentifika. Il-Kunsill jinnota wkoll l-enfasi fuq l-importanza ta' relazzjonijiet kummerċjali bbilanċjati u ġestjoni sostenibbli tas-sajd.
- 63.** Il-Kunsill jissottolinja t-tħassib tiegħu rigward ir-riskju għas-sostenibbiltà ta' stokkijiet importanti tal-ħut bħall-kavalli u l-aringa Atlantu-Skandjana minħabba l-istabbiliment ta' kwoti unilaterali għolja u eċċessivi u jiddeplora n-nuqqas ta' kollaborazzjoni kostruttiva mal-UE fin-negozjati tal-istati kostali dwar dawn l-istokkijiet. Il-Kunsill jappella lill-Gżejjer Faeroe biex jintensifikaw il-kooperazzjoni tagħhom mal-UE permezz tal-qafas tal-istati kostali biex jiġu żgurati arranġamenti ta' kondiviżjoni ekwa li ser jappoġġaw il-konservazzjoni u l-ġestjoni sostenibbli ta' stokkijiet kondiviżi fil-Grigal tal-Atlantiku (kavalli, aringi Atlantu-Skandjani u stokkafixx).
- 64.** Il-Kunsill jilqa' l-kundanna mill-Gżejjer Faeroe tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna kif ukoll id-deċiżjoni tal-Gżejjer Faeroe li jallinjaw ruħhom mal-miżuri restrittivi tal-UE. Il-Kunsill iħeġġeġ lill-Gżejjer Faeroe biex jaħdmu lejn implimentazzjoni ulterjuri tal-miżuri restrittivi sabiex jiġi żgurat allinjament kontinwu.
-